**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Mario Vella**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 18 ta' Jannar, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Vella** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 143576 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-21 ta' Settembru, 2015, gewwa dawn il-gzejjer:

1) Għamel lil Alexander Pisani inġurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

2) Uża xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma kienx dak li kien ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li kienu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella użah b'mod mhux kif imiss.

3) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jiehu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra.

4) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart:**

Il-Qorti preliminarjament tirrimarka dwar in-nuqqas ta' rispett manifestat mill-persuna li lmentat mal-pulizija dwar dak allegat miktub mill-imputat li ssejjah tliet darbiet

f'hinijiet differenti (9.10 am, 9.20 am u 9.30 am) biex jaghti x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri u ma deherx.

Il-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kaz wara li ntalbet dan mid-difiza minghajr l-oppozizzjoni tal-Prosekuzzjoni li wara li xehdet ir-rapprezentanta tas-*Cybercrime Unit* PS252 Chantel Bartolo ddikjarat li ma kelliex aktar provi xi tressaq u mistoqsija mill-Qorti dwar il-kwerela tal-parti leza l-ufficjal prosekutur ddikjarat li ma kienx hemm.

Id-difiza qajjmet l-eccezzjoni dwar il-kwerela u ntalbet il-liberatorja tal-imputat Mario Vella ghax se mai jekk kellu jkun akkuzat, kellu jkun akkuzat bi ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 248 (l-Att dwar l-Istampa) u mhux tal-Kapitolu 9 (Kodici Kriminali) kif ghamlet il-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti se tindirizza s-sottomissjonijiet li ghamlet id-difiza u l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra l-imputat dwar l-uzu apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi.

KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

**Kwerela**

Dwar il-kaz odjern, il Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 31 tal-Kap 248 illi tistabilixxi illi:

> *“L-azzjoni kriminali ghal-kull reat taht l-artikolu 11 u 21 jistghu jinbdew biss bi kwerela tal-parti offiza.”*

L-artikolu 537 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta’ Malta, reza applikabbli ghall-kwereli wkoll permezz tal-Artikolu 539, jipprovdi illi denunzji u kwereli jistghu isiru kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. L-istess Artikolu 537, madanakollu, jipprovdi illi meta denunzja ssir bil-fomm *“hija ghandha, hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien, titnizzel bil-miktub minnufih u ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant."*

Il-Qorti tosserva illi l-proceduri odjerni inbdew minghajr il-kwerela ta' Alexander Pisani.

**X'japplika l-Kodici Kriminali jew l-Att dwar l-Istampa?**

Illi Artikolu 252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

> *(1) "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi ħadd, iweggħu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija għal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*
>
> *[...]*
>
> *(3) Jekk l-ingurja ssir b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku, il-ħati jeħel il-piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux izjed minn sena".*

Illi Artikolu 256(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

Fil-kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Anton F. Attard**, moghtija fl-10 ta' Lulju 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l- appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l-Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil- mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun*

*allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".*

Illi, kif diga nghad, il-kawza odjerna tirrigwarda kummenti permezz tal-facebook.

Illi, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Zahra**, moghtija fit-22 ta' Settembru 2010, fejn il-Qorti tal- Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Joseph Sciberras et.** deciza fl-20 ta' Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-Press Act. Hemm il- kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l- argument u qalet hekk:*
>
> *"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'tipi tipografici" ('printed in typographical characters', fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku ('composing type and printing from it', Collins English Dictionary, 'v. typography'), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, phototypesetting, l-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' offset printing) hu rrelevanti.*

*Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248.*

*Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet* **Dr. Joseph M. Ciappara vs. Joseph Zammit** *u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-typewriter, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal- Qorti tal-Magistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet* **Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs. Publio Schembri***);*

*Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi Artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser: 'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra'.*

*L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tieghu hi wkoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru".*

Illi dak li gie kwotat hawn fuq jista' jigi applikat mutatis mutandis ghal kawza odjerna.

B'hekk il-kummenti fuq facebook jikkwalifikaw bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kapitolu 248.

B'hekk kull akkuza li talvolta setghet tigi dedotta kontra l-imputat kellha f'dan il-kaz tkun akkampata taht "The Press Act", Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali.

M'hemmx dubju ghalhekk li l-ewwel imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat, cioe' taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 ma tistax tirnexxi. Il-Qorti se tieqaf hawn u m'hemmx raguni ghala ghandha tikkunsidra l-animus injuriandi fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni.

**L-imputazzjonijiet marbuta mal-apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali tat-22 ta` Awwissu 2007 fil- kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Dr. Etienne Calleja**" (App. 102/2007 JGD) u dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Settembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Jesmond Azzopardi**" (App. 250/2007 JGD).

Fis-sentenza fil-kawza kontra Jesmond Azzopardi, l-Imhallef Joe Galea Debono jirreferi ghad-decizjoni tieghu stess fil-kaz kontra Dr Etienne Calleja u jispjega b'mod iddettaljat dwar l-akkuzi marbuta mal-uzu tal-apparat ta' komunikazzjoni elettronici.

> *"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-**Pulizija. Vs. Dr. Etienne Calleja**" [22.8.2007], l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant u li taghha nstab hati mhix dik kontravvenzjonali ta' min jaghmel lil haddiehor theddid mhux imsemmi band' ohra fil-Kodici Kriminali kontemplata fl-artikolu 339 (e) tal-Kap. 9, imma akkuza bazata fuq l-art. 35 (1) (d) tal-Kap.399, l-Att*

*biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici (qabel imsejjah Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII tal-1997 kif emendat bl-Att XIX tal-1998; XVIII tal-2000; VI tal-2001; XXVII tal-2002 ; IX tal-2003 u VII tal-2004).*

*Dan is-sub-sub inciz jghid li persuna li tuza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahrugu minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella tuzah b' mod mhux kif imiss, tkun hatja ta' reat taht dak l-Att u tista', meta tinstab hatja, tehel multa ta' mhux izjed minn LM10,000 (qabel LM5000) u fil-kaz ta' reat permanenti ghal multa ta' mhux izjed minn LM200 ghal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

*Issa dan is-sub sub-inciz jigi wara tlieta' ohra (a) (b) u ( c ) li fihom fis-sustanza wiehed isib ir-reati kontemplati fl- artikolu 34 (1) kif kien qabel l-emendi li saru bl-Att VII tas- sena 2004, meta dawn ingabru fl-erba sub incizi tal- artikolu 35 (1) illum (u kif kienu vigenti fiz-zmien tal-allegat reat) Dawn huma r-reati segwenti :-*

*(a) ta' min jibni, isewwi izomm f' kondizzjoni tajba , jibdel jew jikkontrolla xi apparat jew installazzjoni minghajr ma jkollu xi kwalifika mehtiega ghal dak l-iskop*

*(b) ta' min ibiegh jew joffri ghall-biegh jew jipprovdi jew jistalla jew juza xi istallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma tali standards jew specifikazzjonijiet teknici skond ma huma mehtiega jew stabbiliti f' dak l-Att jew tahtu; jew ikollu tassew ragjonevolment ghaliex jahseb li jkun difettuz*

*jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu imbieghu, gew provvduti, installati jew uzati , u*

*(c) ta' min jipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettronici jew jistalla jew ihaddem xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' dak l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b' dak l-Att jew tahtu .*

*[...]*

*Illi dawn ir-reati w ohrajn li jinsabu fis-subartikoli (2) (3) u 4) huma deskritti fin-nota marginali bhala "Reati ta' xorta kriminali specifici ghall-komunikazzjonijiet elettronici" (emfasi ta' din il-Qorti)*

*Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l- artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub sub inciz (1) (d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni tal eiusdem generis, jidher car li is- sub sub inciz (d) mhu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u ( c ) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w*

*ma jissema bl- ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*

*U bil-fors li jkun hekk ghax ma jaghmilx sens li min jhedded verbalment li xi hadd ikun punibbli b' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira jew sa xaharejn detenzjoni, mentri jekk it-theddida ssir ukoll verbalment imma bit-telephone ikun passibbli ghall-multa sa ghaxart elef lira Maltin (LM10,000).*

*Hu car ghalhek li l-kliem " ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub sub-inciz ma jirriferix ghall- kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4).*

*Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal- Kap.399.*

*Illi umbaghad hu principju baziku w fondamentali li fit- termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi reat tkun accessibbli u cara, w li jkun hemm dak li jissejjah*

> *“legal certainty.” Dan certament ma jkunx il-kaz jekk fis-sub sub- inciz jkunu jistghu jigu "attached" xi dispozizzjonijiet ohra li jikkontemplaw reati ohra kriminali skond ma jkun jidhrilha opportun il-prosekuzzjoni minn kaz ghall-kaz w dan bl-iskuza tal-uzu tal-kliem generiku: "ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u/jew "b'mod mhux kif imiss" adoperat fl-art. 35(1) (d)."*

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda t-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali tat-22 ta` Awwissu 2007 fil-kawza fl-ismijiet “Il-**Pulizija vs Dr. Etienne Calleja**” (App. 102/2007 JGD) u dik tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tas-27 ta' Settembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Jesmond Azzopardi**" (App. 250/2007 JGD) din il- Qorti tqis li tali imputazzjonijiet ma jirrizultawx u m’ghandhiex tinsatab htija dwarhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti wara li rat Artikolu 252 u 256 tal-Kap 9, Artikoli 2, 11, 21 u 31 tal-Kap 248 u Artikoli 35(1) (d), 48 u 49 tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat Mario Vella hati u tilliberah mill-akkuzi migjuba kontrih.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**